**3 ta' Novembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Salvino Testaferrata Moroni Viani

*versus*

Is-soċjetà Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani *et*

**Inibizzjoni - Mandat ta' - Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Soċjetà Kummerċjali - Oppressjoni ta'**

**Minoranza ta'**

*Talba biex l-intimati u soċjetà intimata ma żżomx laqgħa ġenerali straordinarja ta' l-azzjonisti. Irriżulta illi d-deċiżjoni li żżomm din il-laqgħa kienet ġiet kunsidrata mill-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà u l-Qorti rriteniet illi wieħed mid-Diretturi ma jistax ifixkel dak li kien sar b'mod leġittimu minn wieħed mid-Diretturi tas-soċjetà.*

*Il-Qorti kkonkludiet illi r-rekwiżiti ta' l-artikolu 873 u ċjoè li l-ħruġ tal-mandat kien meħtieġ biex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent u li kellu prima facie dawn id-drittijiet ma kinux sodisfatti u għalhekk it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ġiet miċħuda.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tal-15 ta' Jannar, 1996 li permezz tiegħu l-Baruni Testaferrata Moroni Viani talab li l-intimati, bħala azzjonisti tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited, jiġu inibiti milli jżommu l-laqgħa ġenerali straordinarja ta' dik is-soċjetà, kif propost fl-ittra tat-12 ta' Jannar, 1996 ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani. F'din l-ittra, li kienet tammonta għal *notice* ta' l-imsemmija laqgħa, kien qigħed jiġi propost li l-azzjonisti jikkunsidraw diversi emendi fl-istatut ta' l-istess soċjetà intiżi sabiex in-numru tad-diretturi minn tnejn isiru ħamsa. F'każ li dawn l-emendi jiġu approvati, kien qed jiġi propost li l-Bord il-ġdid ikun kompost minn żewġ rappreżentanti tal-familja tar-rikorrent ċjoè l-Baruni Salvino u tliet rappreżentanti tal-familja ta' l-intimat Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani biex b'hekk il-Bord ikun jirrifletti l-istat attwali tas-soċji li kellhom *ordinary shares* fis-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings)Limited liema soċjetà għandha 99.9% mill-azzjonijiet tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited;

Fl-istess *notice* jingħad ukoll li f'każ li l-emendi ma jiġux

approvati, bħala alternattiva kien qed jiġi propost li jinħatru bħal diretturi tas-soċjetà Mario Testaferrata Moroni Viani u l-istess soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited;

Din l-aġenda kellha tiġi kkunsidrata fil-laqgħa li kellha *tinżamm fid-29 ta' Jannar, 1996 u li kienet issejjħet bħala* riżultat ta' deċiżjoni, li skond l-intimati, iżda mhux skond ir-rikorrenti, kienet ittieħdet fil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' Testaferrata Estates Limited li kienet inżammet fit-12 ta' Jannar, 1996 meta kienu preżenti ż-żewġ diretturi ċjoè l-Baruni Salvino u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani u bil-permess ta' l-istess bord kien hemm preżenti ukoll il-Maġġur F.X. Naudi, awditur ta' l-istess soċjetà;

Fir-rikors fuq imsemmi donnu li r-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu fuq żewġ ipotesijiet. Qed jingħad "donnu" billi aktar tard, u *preċiżament meta r-rikors tħalla għall-*provvediment finali, ir-rikorrent irtira waħda mir-raġunijiet għat-talba tiegħu. Dawn ir-raġunijiet kienu s-segwenti;

Il-mod kif kienu qegħdin jiġu kalpestati d-drittijiet tiegħu u ta' membri tal-familja tiegħu mill-membri tal-familja ta' Mario Testaferrata Moroni Viani, ukoll azzjonisti, b'sehem maġġoritarju *sew fil-parent company* kif *ukoll azzjonisti/* diretturi f'diversi soċjetajiet tat-Testaferrata Group;

Il-fatt li, skond l-istess rikorrenti, fil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' Testaferrata Estates Limited li inzammet fit-12 ta' Jannar, 1996 ma kienx ġie deċiż li tissejjaħ il-laqgħa ġenerali straordinarja tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited iżda pjuttost li kien ġie miftiehem li tissejjaħ il-laqgħa ġenerali tas-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited;

Rat in-nota oppositorja tas-soċjetajiet Testaferrata Moroni

Viani (Holdings) Limited u Testaferrata Estates Limited;

Semgħet lill-partijiet u d-diversi xiehda prodotti kif ukoll ħadet konjizzjoni tal-kwantità ta' dokumenti esebiti u diversi sottomissjonijiet li saru;

Rat ir-rapport ta' l-esperti tekniċi maħtura biex jirrelataw dwar dokumenti li nstabu mill-intimat Peter Paul Testaferrata Moroni Viani b'referenza għal kontenut tad-dokument STMV10 li hu kopja fotostatika tan-notamenti allegatament meħuda mir-rikorrent waqt il-laqgħa tat-12 ta' Jannar, 1996 fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti u taċ-ċirkostanzi relevanti li rriżultaw waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors jidher ċar li l-għan ewlieni tat-talba tar-rikorrent mhu xejn aktar milli attentat sabiex jinżamm l-*istatus quo* fis-*set up* tat-tmexxija tas-soċjetà in kwistjoni billi dan jirrifletti fuq il-kontroll effettiv ta' diversi soċjetajiet li jifformaw parti mill hekk imsejjaħ "Testaferrata Group". Infatti, fl-ewwel sottomissjoni tiegħu d-difensur tar-rikorrent qal hekk: "Il-punt ċentrali tar-rikors tagħna, kif dejjem kien sa mill-ewwel mandat ta' inibizzjoni li għamilna preċedentement għal dan huwa li bis-sejħa ta' dik il-laqgħa ġenerali straordinarja, hu intiż biex jiġi kkreat preġudizzju intollerabbli lill-minoranza billi huma jitneħħew kompletament mill-ġestjoni tan-negozju" (fol. 217);

Infatti l-proposti imsemmija fl-aġenda tat-12 ta' Jannar, 1996 għal-laqgħa tad-29 ta' Jannar jintroduċu "bidliet radikali" (xhieda ta' Albert Xuereb) fil-kostituzzjoni tal-Bord ta' din is-soċjetà billi huma ntiżi sabiex jiżblukkaw is-sitwazzjoni ta' *stalemate* li kienet inħolqot u fl-istess ħin il-kontroll tagħha jaqa' f'idejn il-familja tan-Nobbli Mario Testaferrata stante li

dan issa ser ikollhom numru akbar ta' diretturi fuq il-Bord jew direttament jew indirettament;

Storikament dan il-grupp ġie ffurmat fis-snin sittin bejn l-aħwa Testaferrata u ċjoè l-Baruni Salvino u ħuh Mario. Oriġinarjament dan in-negozju, li llum jikkonsisti f'diversi soċjetajiet b'interessi finanzjarji inġenti, kien jiġi ġestit mill-aħwa Testaferrata b'mod informali billi dawn kellhom ishma ugwali f'soċjetà Testaferrata Estates Limited li kienet tikkontrolla l-grupp kolu. Ġara, iżda, li fis-sena 1972 għar-raġunijiet aħjar noti lis-soċji u probabilment ispirati minn konisderazzjonijiet ta' natura fiskali, intlaħaq ftehim fis-sens li tinħoloq *holding company* bl-isem Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited u bħala azzjonisti tpoġġew il-ħamest itfal tas-soċji oriġinali, ċjoè tnejn tal-Baruni u tlieta ta' ħuh Mario billi kull wieħed jew waħda minnhom ingħataw 20% ta' l-*ordinary shares* fis-soċjetà. B'dan il-mod ġara li l-familja ta' Mario issa akkwistat sehem maġġoritarju fil-grupp kollu;

Fis-soċjetà Testaferrata Estates Ltd., l-azzjonisti saru l-*holding company* li kellha 99.9% ta' l-azzjonijiet u l-Baruni u ħuh Mario li kellhom sehem kull wieħed. Id-diretturi maħtura biex jiffurmaw il-Bord kienu oriġinarjament iż-żewġt aħwa Testaferrata u sussegwentement inħatar Peter Paul Testaferrata minflok l-intimat Mario, li, flimkien ma zijuh, kien responsabbli għat-tmexxija ta' din is-soċjetà;

Għal diversi snin kollox mexa sew u s-soċjetajiet kienu jitmexxew mingħajr ħafna formalitajiet miż-żewġ familji;

Ġara iżda li fl-1995 inqala' xi disgwid bejn l-aħwa Testaferrata u l-armonija li kienet teżisti qable ma baqgħetx tirrenja. Għalhekk bdiet issir insistenza għal formaliżmu strett fit-tmexxija tad-diversi soċjetajiet senjatament fis-soċjetà

Testaferrata Estates Limited. Billi f'din is-soċjetà kien hemm biss iż-żewġ diretturi fuq imsemmija, wieħed minn familja u l-ieħor minn oħra, it-tmexxija bdiet issir diffiċli, jekk mhux għal kollox *impossibbli, billi rarament kien jintlaħaq ftehim dwar* dak li jkun hemm fl-aġenda tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi. Kienu għalhekk waslu f'sitwazzjoni ta' *stalemate*;

Infatti dan l-atrit bejn iż-żewġ familji matul is-sena 1995 *immanifesta ruħu f'diversi atti ġudizzjarji ppreżentati* mir-rikorrenti odjern jew uliedu, jew flimkien, liema atti kienu intiżi sabiex b'mod jew ieħor juru d-diżapprovazzjoni tagħhom għal mod kif il-grupp kien qed jitmexxa u anke biex jirreġistraw id-diżapprovazzjoni tagħhom għal mod kif kienu qed jiġu trattati *mill-azzjonisti l-oħra. Dawn ħadu forma ta' mandati ta'* inibizzjoni, ittri uffiċjali, u kawżi. In linea ġenerli jista' jingħad li dawn qatt ma kellhom eżitu favorevoli għar-rikorrenti odjern;

Il-kuntratt li joħloq soċjetà kummerċjali jagħti bidu għal ċerta drittijiet u obbligi lis-soċji li jissottoskrivu l-kapital ta' dik is-soċjetà. Infatti l-Palmers fil-ktieb awtorevoli dwar il-Liġi tal-Kumpanniji paġna 492, jgħid hekk: "*By this contract with the company, the shareholder undertakes with respect to some - and, in fact, most - rights which his membership carries, to accept as binding upon him the decisions of the majority of the shareholders, if arrived at in accordance with the law and the articles*". Dan huwa l-prinċipju ta' demokrazija fejn il-volontà tal-maġġoranza tirbaħ fuq dik tal-minoranza;

Kien għalhekk li, għalkemm l-ilment tar-rikorrent kien proprju l-aspettativa ta' preġudizzju konsegwenti l-posizzjoni tiegħu fi stat ta' minoranza, ir-rikors promotur mhuwiex ibbażat fuq dan il-preġudizzju *ut sic*. Kieku sar hekk din il-Qorti ma kien ikollha ebda eżitazzjoni li tiċħad it-talba mmedjatament;

Ir-rikorrent kif rajna aktar 'il fuq qed iressaq żewġ ilmenti għall-akkoljiment tat-talba tiegħu. L-ewwel waħda tikkonsisti filli l-attenzjoni ta' din il-Qorti tiġi ffokata fuq sensiela ta' inċidenti ammontanti għal aġir undemokratiku da parti tal-maġġoranza. Dan l-elenku huwa ntiż biex juru li effettivament il-minoranza qed tiġi kalpestata. Għalhekk, skond ir-rikorrent, jekk kellha tgħaddi l-mozzjoni proposta fl-aġenda għal-laqgħa tad-29 ta' Jannar, 1996, il-posizzjoni tal-minoranza tkun ippeġġorat ruħha b'konsegwenzi aktar ħorox għar-rikorrenti u membri tal-familja tiegħu;

Dwar dan l-aggravju għandu jingħad fl-ewwel lok li fir-rikors promotur ir-rikorrent niżżel *verbatim* dak li kien ġie sottomess minnu u uliedu f'talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ppreżentat fl-10 ta' Jannar, 1996 (mandat numru 118/96 FD) kontra l-intimati u oħrajn sabiex dawn jiġu inibiti milli "bi kwalsiasi mod isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited". Il-laqgħa in kwistjoni kienet dik li nżammet fit-12 ta' Jannar, 1996 hawn fuq imsemmija. Fil-parti konklussiva tar-rikors odjern u b'referenza għal dak li kien ingħad fir-rikors preċedenti l-istess rikorrent qal hekk:

"Illi l-istess raġunijiet fuq ċitati, li kienu jirrigwardaw is-sejħa ta' laqgħa ġenerali straordinarja ta' Testaferrata Estates Limited, kif esposti fir-rikors preċedenti ta' inibizzjoni 118/96FD japplikaw anke u iżjed qawwi, għaż-żamma ta' dik il-laqgħa";

Iżda rriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri li dik it-talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti ki diversament presjeduta u dana wara li kkonstatat il-fatti li nġib quddiemha u ħadet konjizzjoni ta' l-artikoli tal-liġi relattivi;

Issa jekk dawk il-kawżali ossia aggravji ma kinux sodisfaċenti għall-otteniment tal-mandat preċedenti, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra aktar dawn l-aggravji billi ġaladarba r-rikors preċedenti ġie miċħud, dawn l-aggravji proprjament huma ineżistenti;

Apparti din il-konsiderazzjoni din il-Qorti ukoll ħadet konjizzjoni ta' dak li kien qed jiġi allegat mir-rikorrent u mill-provi prodotti mhix sodisfatta li dak allegat mir-rikorrent jammonta għat-tkasbir tad-drittijiet tal-minoranza. Infatti, meta kien qed jiddiskuti *l-poteri diskrezzjonali tal-qrati sabiex* jintervjenu fl-affarijiet ta' kumpanniji l-istess Palmer jgħid li l-Qorti tista' teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha kemm-il darba:

"*The minority proves that the majority conducted the affairs of the company in an oppressive manner - not only that minority shareholders have been oppressed*"; u

"*the oppression must be upon the members in their capacity as members and not in any other capacity e.g. that of directors*";

Skond il-liġi Ingliża li tifforma l-bażi ta' l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali tagħna "*a majority has acted oppressively if it has exercised its authority in a manner burdensome, harsh and wrongful*";

Din il-Qorti ma ssib ebda mill-allegati *wrong doings* imsemmija mir-rikorrent bħala li jidħlu taħt din id-definizzjoni;

Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi skartat;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent qed isostni ukoll li l-laqgħa ġenerali straordinarja tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited li ssejħet għad-29 ta' Jannar, 1996 ma għandhiex tinzamm inkwantu fil-*laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tat-12 ta' Jannar, 1996 kien ġie* deċiż li tissejjaħ laqgħa tas-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited u mhux tas-soċjetà li tifforma meritu ta' dan ir-rikors;

In sostenn ta' din l-allegazzjoni r-rikorrent ipproduċa bħala prova ta' dak li kien ġie deċiż fil-laqgħa tat-12 ta' Jannar, 1996 kopja fotostatika ta' notament li allegatament għamel huwa stess waqt l-imsemmija laqgħa. Dan il-famuż dokument li ġie indikat bħala Dok. STMV10 (fol. 274 tal-proċess) qajjem konfront kbir bejn il-partijiet inkwantu l-istess Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, li kien id-direttur l-ieħor fl-imsemmija laqgħa, korroborat minn Francis Naudi, l-awditur tas-soċjetà, sostna li l-mozzjoni li kienet tressqet għall-approvazzjoni tal-Bord (ċjoè item 5) u li effettivament kienet ġiet approvata, kienet proprju titkellem dwar is-sejħa tal-laqgħa ġenerali straordinarja tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited u bl-ebda mod ma ssemmiet jew ittieħdet xi deċiżjoni dwar xi laqgħa ġenerali tas-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Ltd.;

Apparti dak li jirriżulta wara u li fil-fehma ta' din il-Qorti *huwa passabbli ta' proċeduri kriminali, it-teżi ta' l-intimat Peter* Paul hija għal kollox aċċettabbli;

Fl-ewwel lok l-aġenda għal-laqgħa tat-12 ta' Jannar kienet espressament tgħid li l-Bord kellu jikkonsidra "*the convening of an extraordinary General Meeting as requisitioned by Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited*";

Il-meeting kien tas-soċjetà Testaferrata Estates Ltd., u għalhekk kien ikun impossibbli li din l-istess soċjetà tordna lil *parent company* tagħha li żżommm laqgħa ġenerali;

Wara l-laqgħa u fil-presenza ta' Francis Naudi, iż-żewġ diretturi qraw in-notamenti tagħhom. Jidher li kien hemm qbil perfett fuq dak li kien ġie deċiż. Inoltre l-istess Naudi xehed b'mod kategoriku li ż-żewġ diretturi kienu qablu dwar sejħa tal-laqgħa tas-soċjetà Testaferrata Estates Ltd.;

Wara li ġie esebit id-Dok. STMV10 l-intimati ipproduċew rapport tekniku ta' espert Ingliż li kien ġie inkarigat biex jagħmel eżami magħruf bħala ESDA test, ta' żewġ karti li ttieħdu minn fuq il-mażż karti fejn ir-rikorrent kien bilqiegħda waqt il-laqgħa imsemmija. Minn din ix-xhieda u mir-rapport ta' esperti lokali li ġew maħtura appożitament sabiex jagħmlu l-istess eżami, irriżulta li ċertament li l-kitba li dehret fuq dawn iż-żewġ dokumenti kienet tar-rikorrent iżda ċertament ma kinitx kawżata mill-kitba li kienet saret fuq l-oriġinal tad-Dok. STMV10. Inoltre rriżulta li fil-kitba li kienet tidher fuq dawn l-ESDA tests, fejn kien hemm, item item, id-deċiżjonijiet meħuda fuq l-aġenda tal-laqgħa tat-12 ta' Jannar, 1996, l-istess rikorrent kien kiteb li hu kien aċċetta li ssir il-laqgħa ġenerali straordinarja ta' Testaferrata Estates Limited. Dan juri li, kuntrarjament għal dak li kien ġie sottomess mid-difensur tar-rikorrent, sa l-għeluq tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi l-istess rikorrent kien konxju ta' dak li kien qed jiġi propost u li effettivament esprima opinjoni "posittiva" dwar l-item 5. Kien sussegwentement, forsi għax intebaħ bil-portata ta' dik il-laqgħa, li l-istess rikorrent b'mod għal kollox irregolari jekk mhux saħansitra frawdolenti, biddel dak li kien kiteb;

Rinfaċċat b'dawn il-provi "inkriminanti" l-istess rikorrent fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 1997 għamel tentattiv fjakk biex

iwarrab minn fuqu kull suspett li kien inħoloq bid-dokument minnu esebit billi b'nota ppreżentata fl-udjenza qal "jirrinunzja għal kull effett probatorju tad-Dok. STMV10 u stante ċ-ċirkostanzi *li nqalgħu relattivi għall-istess dokument jitlob li l-*istess dokument STMV10 jiġi sfilzat mill-atti billi rrilevanti għall-meritu tar-rikors";

Din il-Qorti hija tal-parir kuntrarju. Infatti d-dokument fuq imsemmi juri l-*animus* tar-rikorrent li maqbud f'sitwazzjoni prekarja naxxenti mill-istat ta' minoranza fis-soċjetajiet li fihom għandu nteress kbir, liema stat *del resto* ġabu b'idejh l-istess rikorrent meta nħolqot is-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Ltd., qed jagħmel kull tentattiv biex ifixkel it-tmexxija tan-negozji li jaqa' taħt id-diversi soċjetajiet. Dan l-*animus* jidher ukoll mill-fatt li l-istess rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem din il-Qorti għal-likwidazzjoni tas-soċjetajiet li jikkontrollaw il-Grupp;

Għal din ir-raġuni din il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-isfilz tad-dokument fuq imsemmi;

L-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakoltà lil din il-Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Iżda talba għal ħruġ ta' tali mandat ma għandhiex tiġi akkolta jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ "sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent", u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet;

Il-mandat ta' inibizzjoni qed jintalab sabiex ma' tinżammx il-laqgħa ġenerali straordinarja tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited li kienet ġiet rekwiżizzjonata mis-soċjetà Testaferrata Moroni Viani (Holdings) Limited. Din is-soċjetà għandha

99.9% mill-azzjonijiet tas-soċjetà Testaferrata Estates Limited u għalhekk ai termini ta' l-artikolu 114 ta' l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet, id-diretturi tas-soċjetà Testaferrata Estates kienu altru li obbligati jaġixxu fuq it-talba magħmula mill-Holding Company;

Kif rajna aktar 'il fuq, din it-talba ġiet kunsidrata mill-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà Testaferrata Estates Ltd. Tant hu hekk li kienet tifforma parti integrali mill-aġenda tal-laqgħa li ssejħet għat-12 ta' Jannar, 1996 u fil-fatt kien hemm vot fuq il-mozzjoni li tressqet li anke ffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-imsemmija laqgħa. Għalhekk ma jistax issa wieħed mid-diretturi jerġa' lura mid-deċiżjoni li kien ħa sabiex tissejjaħ il-laqgħa billi jitlob l-intervent tal-Qorti sabiex jistultifika dak li kien sar b'mod leġittimu mid-diretturi tas-soċjetà;

Illi mil fuq espost ma jirriżultax li r-rikorrent għandu xi dritt pretiż li jista' jiġi salvagwardat bil-ħruġ ta' dan il-mandat;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talba bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.